**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Pierre Grech)**

**kontra**

**LYDON XERRI**

**(ID: 7294(M))**

Kaz Nru.: 266/14

**Illum, 21 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Lydon Xerri, iben Carmel u Maria nee' Aquilina, imwieled Haz-Zabbar nhar it-8 ta' Dicembru 1993, residenti fi 7, Des Marie, Triq San Piju X, Sta. Lucija, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 7294M, senjatament akkuzat talli fit-29 ta' Dicembru, 2013, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Ksir kundizzjoni mghotija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-28 ta' Frar 2013 moghtija mill-Magistrat Dr. M. Hayman LL.D., liema decizjoni saret definittiva.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta)[1] sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri datat it-28 ta' Lulju 2021[2];

Rat li fl-udjenza tal-25 t'Ottubru 2021 l-partijiet ezentaw lil dina l-Qorti hekk kif preseduta mis-smigh mill-gdid tax-xhieda prodotti quddiem dina l-Qorti diversament preseduta[3];

Semghet u rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi: (1) **l-ispettur Jonathan Cassar li** ezebixxa l-stqarrija li l-qua imputat kien irrilaxxa lill-pulizija waqt l-investigazzjonijiet in konnessjoni mal-kaz odjern (Dok. JC); dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali (Dok. JC1); sentenza mhotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hekk kif preseduta minn dak iz-zmien Magistrat Dr. M. Hayman datata 28 ta' Frar 2013 (JC2); L-ordni ta' probation datata 28 ta' Frar 2013 (Dok. JC3) u Eur. 50 flimkien ma circa 20 gramma cannabis grass (Dok. JC4); (2) **L-ispettur Pierre Grech** li xehed dwar l-investigazzjoni kondotta mill-pulizija f'dan il-kaz; **(3) PC1400 Matthew Vella** li xehed dwar kif fid-29 ta' Dicembru 2013 kien stazzjonat gewwa r-Rapid Intervention Unit u waqt li kienu ghaddejjin bil-patrol ghaddew minn quddiem karozza li maghha kien hemm persuna qed tistrieh mal-karozza. Hekk kif ra l-karozza dan il-persuna telaq jigri. Ghaldaqstant ghorkithom ghajnejhom u waqfu lis-sid tal-vettura li gie ddentifikat bhala Lydon Xerri. Fil-karozza huma sabu sewg boroz imdaqqsa ta' haxix niexef. Hemm hekk huwa gie arrestat u mehud fil-kwartieri generali tal-Pulizija; **(4) Ix-xjenzat Godwin**

[1] Ara fol. 6 tal-atti processwali;
[2] Ara fol. 88 tal-atti processwali.
[3] Ara fol. 91 tal-atti processwali.

**Sammut**, li wara li gie mahtur bhala espert fuq talba tal-prosekuzzjoni bil-ghan li janalizza s-sustanza ezebieta f'Dok. JC4, huwa kkonkluda li minn estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 05_17_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piz tal-haxix kien ta' 18.15grammi u l-purita' kienet ta' circa 5.5%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi that Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li l-qua imputat gie arrestat mill-pulizija wara li nhar 29 ta' Dicembru 2013 saret tfittxija fil-vettura tieghu (tal-marka Renault bin-numru ta' registrazzjoni BCA064) u nstab fil-pussess tad-droga suspettata Cannabis. F'din il-vettura kien hemm ukoll passigier madanakollu d-droga instabet in-naha tax-xufier bil-qua imputat jiehu r-responsabilita' ghall-istess sustanza. Din id-droga instabet wara li l-pulizija fi hdan ir-Rapid Intervention Unit osservaw persuna li kienet qed tistrieh ma din il-vettura tahrab minn fuq il-post hekk kif rat lill-pulizija. Fuq l-imputat instab ukoll Eur. 50. Waqt l-interrogazzjoni l-qua imputat ha r-responsabilita' ghall-istess sustanza u spjega li dik id-droga kienet intiza ghall-uzu personali ghaliex huwa kien qed jikkonsma ammonti kbar fid-dawl ta' problemi personali li kellu dak iz-zmien. Fir-rigward tal-persuna li kienet qed tkellmu u harbet minn fuq il-post, il-qua imputat ma setghax jaghti raguni l-ghaliex telqet minn fuq il-post u spjega li kien iltaqa mieghu biex itih lura Eur. 50 li l-imputat tah il-lejl precendenti.

**Ikkunsidrat ulterjorament:**

Illi permezz tal-imputazzjonijiet odjerni il-qua imputat jinsab akkuzat bi pussess aggravat tad-droga Cannabis u talli kiser il-kundizzjonijiet mghotija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-28 ta' Frar 2013.

Illi l-qua imputat fl-ebda hin ma talab ghall-isfilz tal-istqarrija rrillaxata minnu fi stadju tal-investigazzjonijiet f'Dicembru 2013 anzi fis-sottomissjonijiet finali tieghu huwa ghamel referenza ghaliha. Dana minkejja li l-qua imputat rrinunzja ghad-dritt li jikkonsulta ma avukat qabel l-interrogatorju kif ukoll qatt ma gie offrut id-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija fid-dawl tal-ligi vigenti dak iz-zmien.

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, l-qua imputat ma huwiex qed jikkontesta l-fatt li huwa kien fil-pussess xjenti tad-droga Cannabis madanakollu huwa jsostni li dina s-sustanza misjuba fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu personali tieghu. Ghaldaqstant dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tanalizza l-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz odjern sabiex jigi determinat jekk il-pussess kienx intiz biss

ghall-uzu personali jew altrimenti jekk dan il-pussess kienx wiehed f'cirkostanzi li juru li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Fl-ewwel lok jinghad li l-qua imputat nstab fil-pussess ta' 18-il gramma Cannabis. Illi l-ammont ma huwiex wiehed zghir jew inkella negligibbli.

Illi s-sentenza mghotija nhar is-27 ta' April 2017 mill-Qorti ta' l-Appell hekk kif preseduta mill-Onor. Imhallef Edwina Grima fl-ismijiet **il-Pulizija vs. Lawrence Fabri** nghad:

> *"Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita. Illi allura l-Ewwel Qorti iggwidat b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali sewwa ghamlet meta minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixxi illi d-droga li instabet fil-pussess ta'l-appellanti kienet tali li tindika li din ma kenitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu."* (emfazi ta' dina l-Qorti)

Hekk kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati Maltin l-ammont tad-droga huwa wiehed mic-cirkostanzi indikattivi (u mhux l-unika cirkostanza indikattiva) sabiex wiehed jiddetermina jekk id-droga kinitx intiza sabiex tkun traffikata jew altriment ikkonsmata mill-pussessur. Dan ghandu jsir fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz hekk kif jemergu mill-provi pprezentati.

Mill-imsemmija provi jirrizulta li l-ammont ta' droga Cannabis misjub fil-pussess tal-qua imputat (18-il gramma), ghalkemm mhux wiehed negligibbli, dan ma kienx imqassam f'diversi pakketti b'ammonti izghar. Dan juri li din is-sustanza ma kinitx lesta biex tigi traffikata dak il-hin.

Illi mis-Social Inquiry Report, li gie mhejji mill-Probation Officer Joanna Farrugia fuq talba tad-difiza, jirrizulta car li l-qua imputat kellu problema kbira ta' dipendenza fuq id-droga Cannabis fiz-zmien tar-reat odjern.

> *"F'dan iz-zmien huwa beda jpejjep izjed fejn kien jixtri 10 grammi kull darba. Darba minnhom huwa xtara blokka ta' sitt bicciet ghax*

*ma kienx sab grass biex jixtri u sostna li kien aktar qabillu fil-prezz ghaliex dak iz-zmien kien ipejjep hafna. Ma jistax jiftakar ezatt l-ammont li kien ipejjep imma sostna li kien ipejjep bejn ghaxar jew tnax il-joint kuljum fejn kien jaghmilhom qawwijin."*[4]

Illi ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi ta' konsum daqstant aggressiv fuq livell ta' probabilita' d-difiza rnexxielha tipprova li l-ammont ta' droga Cannabis misjub fil-pussess tal-qua imputat setgha kien ghall-uzu personali tieghu. Irid jinghad ukoll li l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li tista' tikkontradixxi l-verzjoni mghotija mill-imputat (anke fl-istqarrija).

Illi ghalkemm dina l-Qorti tirritjeni li huwa ferm suspettuz il-fatt li l-qua imputat inqabad b'dan l-ammont ta' droga wara li kien qed jitkellem ma persuna ohra li harbet minn fuq il-post hekk kif rat il-prezenza tal-pulizija, fic-cirkostanzi hawn fuq imsemmija, din ic-cirkostanza wahedha, fil-fehma ta' dina l-Qorti ma hijiex bizzejjed sabiex il-prosekuzzjoni tkun tista' tipprova l-ewwel imputazzjoni sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju ragonevoli. Dana anke tenut kont tal-fatt li d-droga, misjuba fil-pussess tal-imputat fil-vettura tieghu ftit mumenti biss wara li l-persuna mhux identifikata harbet hekk kif rat lil pulizija, ma kinitx imqassma f'ammonti zghar lesta ghall-ispalc.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet dina l-Qorti ser issib lill-qua imputat hati ta' pussess semplici tal-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha.

Illi t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat tirrigwarda dik li kiser kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fl-iter tal-proceduri odjerni l-prosekuzzjoni pprezentat is-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati kif ukoll kopja tal-kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat. Illi mill-atti processwali ma jirrizultax li qatt gie prodott xi xhud sabiex jixhed dwar jekk dina is-sentenza kinitx wahda definittiva u cioe' res judicata jew altrimenti. Ghaldaqstant dina l-Qorti ma hijiex tal-fehma li t-tieni imputazzjoni giet ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(d); 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija qeghda tillibera lill-qua imputat Lydon Xerri mit-tieni imputazzjoni filwaqt li ghal dak li jirrigwardja l-ewwel imputazzjoni qed issib lill-istess imputat Lydon Xerri hati biss talli kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha

[4] Fol. 77 tal-atti processwali.

(pussess semplici) u konsegwentament b'applikazzjoni tas-subartikolu 4A(2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanah ghall-penali ta' Eur. 70.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-imputat Lydon Xerri sabiex fi zmien tlett xhur millum ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 188.61 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni.

Finalment, il-Qorti tordna ukoll d-distruzzjoni tad-droga li tinsab ezebieta bhala Dok. JC4, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur